# APPREZZAMENT
# Tislima lil-Liriku SunnyAquilina

*Kitba ta' Michael Ghigo* B. Ed (Hons)



*Ritratt li jmur lura lejn Ġunju 1995.*
*Is-Sur Sunny Aquilina jaqra poeżija f'jum l-inawgurazzjoni tal-Plančier Meravilja.*

Tista' lil Sunny tifirdu mill-Immakulata? Din kienet waħda minn ħames mistoqsijiet li l-Arċipriet ta' Bormla, Dun Anton Cassar saqsa lil-miġemgħa tant kbira li t-Tlieta 22 ta' Novembru ħonqot il-Kolleġjata ta' Bormla sabiex tagħti l-aħħar tislima lil wild tagħha, Sunny Aquilina. Kien is-17 ta' Novembru 2016, hekk kif l-aħbar li Sunny kien għadda għal ħajja oħra, tista' tgħid li issummat lil dawk kollha li kienu jafuh! Sunny kien ġentlom f'kull sens tal-kelma, persuna li bl-umiltà tiegħu kien xempju ta l-irġulija. Persuna li qatt ma fittex glorja u li dejjem għen kemm seta' lil kull min irrikorra għall-għajnuna tiegħu. Iżda fuq kollox, Sunny kien devot kbir ta' Marija Immakulata. Kien dan il-kult komuni li kebbes il-ħbiberija kbira ta' bejnietna. Sunny kien ta' kontribut kbir għas-Soċjetà tagħna. Tul is-snin forna s-Soċjetà b'diversi kitbiet li żgur, tul iż-żmien ser jibqgħu monument ħaj ta' din il-persuna tant Marjana.

Huma d-diversi xogħolijiet letterarji li Sunny għamel għalina. Bla dubju ta' xejn, l-akbar biċċa xogħol tibqa' meqjusa l-Kantanta li fis-sena 1997 niseġ fl-okkażjoni tal-225 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-Imqabba. Kitibha mill-qalb u b'sagrifiċċji kbar għax kien determinat li jagħmilha u jlestiha fil-ħin. Qed inġibu quddiem għajnejja, jirrakkontali kif fi triqtu fi vjaġġ lejn il-Kanada sabiex iżur xi qraba tiegħu, ħażżeż il-bażi tagħha u minn hemmhekk, minkejja li dak iż-żmien ma kellniex il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni bħalma għandna llum, baqa' jżomm kuntatt miegħi u mas-Surmast sabiex filwaqt li jara li hija skond dak li aħna



*Ritratt ieħor li jeħodna lura fiż-żmien, eżattament Frar 1998.*
*Is-Sur Sunny Aquilina jiġi ippreżentat b'tifkira għas-suċċess miksub bil-kanzunetta miktuba minnu u interpretata minn Chiara "The One that I Love" li rebħet il-Festival tal-Kanzunetta Maltija għall-Ewropa u rrappreżentat lil Malta fil-Eurovison Song Contest li kien sar f'Birmingham l-Ingilterra f'Mejju ta' l-istess sena.*



*Tifkira memorabli! L-aktar ritratt riċenti tal-mibki iżda żgur qatt minsi s-Sur Sunny Aquilina li niseġ il-lirika għall-Kanzunetta "O Madonna tal-Ġilju Ħanina" interpretata mill-kantanta Federica Falzon ippreżentati b'tifkira ta' din il-kanzunetta varata biex tfakkar l-140 Sena mill-miġja tal-Istatwa fl-Imqabba.*



Is-Sur Sunny Aquilina, l-awtur ta' diversi xogħolijiet għas-Soċjetà u l-Banda, jiġi ppreżentat b'tifkira ta' uħud mix-xogħolijiet prinċipali tiegħu waqt il-ChristmasConcert 2009.



Tifkira dejjiema tal-Innu Marċ taċ-Ċentinarju "Lill Madonna tal-Ġilju: Omm is-Soċjetà" mużika ta' Mro. Andrew Calleja, imżanżan propju s-Sibt 11 ta' Ġunju 2011.

kellna f'moħħna, b'konsultazzjoni mas-Sur Charles Farrugia, l-Istoriku tas-Soċjetà, jagħġen flimkien l-istorja li sawwret il-Fratellanza tal-Immakulata mal-Kult marbut magħha. Kienet lejla memorabbli għalieh u għalina dik tal-Hamis 4 ta' Diċembru 1997, meta ġewwa knisja ppakkjata, l-Banda Madonna tal-Ġilju esegwiet għall-ewwel darba dan ix-xogħol tant mirqum tiegħu, b'kompożizzjoni tas-Surmast Andrew Calleja. Tant intlaqgħet tajjeb li minn hemm nibtet l-idea li din tiġi rrekordjata u nistgħu ngħidu li din il-ħolma ma ntemmetx hemm, tant li tlett snin wara, fl-okkażjoni tal-Ġublew tas-Sena 2000, il-Banda tagħna kienet pijuniera f'dan il-qasam u rrekordjat l-ewwel CD ta' din ix-xorta taħt it-treġija tas-*Sound Engineer* s-Sur Vanni Farrugia.

Sena wara Sunny reġa' kien ta' kontribut, din id-darba permezz tal-kanzunetta immortali "Isimhom bħall-kwiekeb fis-Sema" li ġiet varata waqt il-Programm ta' lejliet il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 1998. B'melodija li tidħol f'qalbek tal-kompożitur Jason Cassar, (li jiġi r-raġel ta' Marcon, bint Sunny), b'interpretazzjoni tal-kantanta Għawdxija, Adelina Attard, din il-kanzunetta tfakkar u ssellem lil dawk kollha li ħadmu u stinkaw tul is-snin l-imgħoddija b'risq il-Festa u li llum m'għadhomx magħna. "Lil Omm Helwa mingħajr Htija" kienet kanzunetta oħra li Sunny niseġ għas-Soċjetà fl-okkażjoni tal-150 sena mid-Domma ta' Fidi tal-Immakulata Kunċizzjoni. Kompożizzjoni tas-Surmast Andrew Calleja b'arranġament mużikali ta' Mro. Raymond Zammit, il-parti vokali tiġi interpretata mil-Kantanti Petra Zammit u Gilbert Camilleri waqt il-Programm fuq l-Planċier l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2004. Kanzunetti oħra miktuba mis-Sur Sunny Aquilina b'temi marbuta mal-Immakultata Kunċizzjoni u l-Madonna tal-Ġilju ġew interpretati minn Chiara Siracusa kif ukoll oħra interpretata mill-kantant Lawrence Grey u li jieħdu l-ħajja ta' kull sena f'dan iż-żmien, speċjalment bħala *requests* fuq li l-istazzjon tar-Radju tagħna, Tal-Ġilju FM 95.4.

Apparti diversi xogħolijiet oħra, fosthom numru ta' poeżiji għall-okkażjonijiet varji, Sunny addatta l-lirka għall-Antifona 'Madonna tal-Ġilju' li tintkanta fil-Knisja f'nhar il-Festa miktuba minn Patri George Grech. Fis-sena Ċentinarja mbagħad, Sunny għaddielna wirt ieħor imrezzabli: l-Innu Marċ, kompożizzjoni tas-Surmast Andrew Calleja 'Lill-Madonna tal-Ġilju – Omm is-Soċjetà' li f'erbà strofi t'erbà versi l-waħda, ġabar dak kollu li jsawwar is-Soċjetà u esprima s-sentimenti tagħna lkoll li ġo fina hemm ibaqbaq dak id-demm għal Marija Immakulata meqjuma fl-Imqabba taħt it-titlu minn tal-Ġilju, simbolu tal-Purità sa mill-Konċepiment tagħha!

L-aħħar xogħol tiegħu għalina kien propju s-sena li għaddiet, meta għall-okkażjoni tal-140 sena mill-miġja tal-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba, ġiet ikkumisjonata d-diska 'O Madonna tal-Ġilju Hanina' interpretàta b'tant imħabba mil-kantanta u soprano Federica Falzon bil-mużika miktuba minn Elton Zarb. Tista' tgħid li kienet l-aħħar esperjenza f'dan il-vjaġġ flimkien: vjaġġ li kellu destinazzjoni itwal f'moħħna imma li ntemm ħesrem għax il-Mulej kellu pjanijiet oħra u għogbu jsejjaħlu sabiex jingħaqad f'ħoġor Marija Immakulata u jsegwiha ferm aktar mill-qrib fil-ġenna, fejn żgur jinsab!

Minn qalbna, filwaqt li niftakru fil-memorja għażiża ta' Sunny, inwegħduh li m'aħna qatt ser ninsewħ u f'kull okkażjoni li jkollna se nġeddu l-preżenza tiegħu li tibqa' ħajja għal dejjem permezz ta' kitbietu. Min hawn, filwaqt li nagħtu l-kondoljanzi lil-martu, l-uliedu u lil qrabatu, ntennu l-apprezzament tagħna u nibqgħu grati għall-kontribut liriku li forna s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju; u hekk kif aċċenajt fl-introduzzjoni, ntemm din it-tislima: U żgur li ma tista' qatt lil Sunny tifirdu mill-Immakulata!